MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**IAN SPITERI BAILEY**

Seduta tal-5 ta' Ottubru, 2009

Talba Numru. 286/2008

**Saviour u Carmen konjugi Muscat**
**(KI 780960M u 45161M)**

**Vs**

**Dr. Patrick Valentino gie nominat skont digriet tas-17 ta' April 2009 bhala kuratur deputat sabiex jirraprezenta lill-assenti Declan John O'Brien u Natasha Pearl Dunne**

**It-Tribunal,**

Ra l-**Avviz** fl-ismijiet premessi pprezentat fit-9 ta' April 2008 fejn l-atturi qeghdin jitolbu lil dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenut Dr. Patrick Valentino noe ihallas is-somma komplessiva ta' elfejn, tmien mija u tmienja u tletin euro u sebgha u hamsin centezmu (€2,838.57) rapprezentanti hlas ta' konsum ta' dawl u ilma u permessi relattivi ghall-*bar* u *restaurant* mikri lill-konvenut mill-atturi bl-isem *Euro Bar* gia *Da Salvatore,* Triq ir-Ramel, San Pawl il-Bahar, liema ammonti gew imhallsa mill-atturi

meta fil-fatt kellhom jithallsu mill-konvenuti u dan skond l-iskrittura privata hawn annessa u mmarkata bhala Dok A.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta’ qbid nru. 953/08 u bl-imghaxijiet legali sal-pagament effettiv.

Ra r-**Risposta** tal-konvenut noe. tas-6 ta’ Novembru 2008 li permezz taghha eccepixxa illi ma huwiex edott mill-fatti tal-kawza pero` jirriserva li jipprezenta risposta ulterjuri u xhieda meta u jekk jikkonmunika ma’ l-assenti minnu responsabbli.

Sema` x-xhieda kollha u ha konjizzjoni tad-dokumenti kollha esebiti;

Ra illi l-kawza thalliet ghal-llum ghad-decizjoni wara illi d-difensuri tal-partijiet ttrattaw il-kawza.

Ikkunsidra :

Illi Saviour Muscat ikkonferma bil-gurament fis-16 t’April 2009 li kellu hanut bl-isem *Da Salvatore* gia *Euro Bar* u li krieh lil zewg Irlandizi (u cioe` Declan John O’Brien u Natasha Pearl Dunne) li damu sena hekk kif jidher fil-kuntratt Dok A*.* L-attur esebixxa kopja ta’ l-istess kuntratt immarkat bhala Dok SM1.

Illi l-attur ikkonferma ukoll illi kien hu li hallas is-somma ta’ elfejn u hamsa u ghoxrin euro (€2,025.00) rapprezentanti kontijiet tad-dawl u ilma. Inoltre, l-attur esebixxa kopja ta’ l-ircevuta relattiva li qed tigi mmarkata bhala Dok SM2.

L-attur xehed ukoll illi skond il-kuntratt, l-inkwlini, u cioe` l-Irlandizi kellhom ihallsu l-permess ta’ l-Awtorita` tat-Turizmu pero` huma baqghu inadempjenti. Di fatti, l-attur kien sussegwentement irceva xi avvizi minghand l-istsess Awtorita` liema dokumenti qed jigu esebiti bhala Dok SM 3 u Dok SM 4.

Ikkunsidra ulterjorment :

Illi l-provi prodotti mill-attur ma huma bl-ebda mod kontradetti u ghalhekk it-Tribunal ma jara ebda raguni ghaliex ma ghandux jakkolja t-talba attrici.

Ghaldaqatant, it-Tribunal, wara illi ha konjizzjoni tal-provi kollha prodotti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, jaqta` u jiddeciedi billi filwaqt illi jichad ir-risposta tal-konvenut noe, jilqa` t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut noe ihallas lill-atturi s-somma ta’ elfejn, tmien mija u tmienja u tletin Euro u sebgha u hamsin centezmu (€2,838.57), bl-ispejjes u bl-imghax kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------